

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Titolu eżekuttiv ewropew](#)

## Titolu eżekuttiv ewropew

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 805/2004.

### Informazzjoni ġenerali

Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati.

Dan ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Dan ineħħi l-ħtieġa, taħt ċerti kondizzjonijiet, ta' kull miżura intermedjarja fl-Istat Membru fejn l-infurzar huwa mitlub, li qabel kienet meħtieġa għal deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor, fin-nuqqas verifikabbli ta' kontestazzjoni dwar in-natura jew l-ammont ta' debitu. Dawn il-kundizzjonijiet jirrigwardaw l-aktar in-notifika ta' dokumenti fil-każ ta' sentenzi b'kontumacċja. It-tneħħija tal-proċedura ta' exequatur ser tippermetti lill-kredituri biex jiksbu infurzar ta' malajr u effiċjenti f'pajjiż barrani mingħajr ma jkollhom għalfejn jinvolvu lill-qrati ta' l-Istat Membru fejn l-infurzar huwa meħtieġ bi proċeduri li jieħdu l-ħin u jiswew ħafna flus.

Ir-Regolament jipprovdi għal sitt formoli standard.

Il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja jipprovdi b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċli li tintuża biex timla l-formoli.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

### Links relatati

[Ordni ta' Ħlas Ewropea](#)

[Gwida ta' prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-ordni Ewropew ta' Infurzar](#)  (1137 Kb) 

[Is-sit web ARKIVJAT tal-ATLAS Ġudizzjarju Ewropew \(magħluq fit-30 ta' Settembru 2017\)](#)

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

■ L-aħħar aġġornament: 15/04/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-

pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.